

Brussell, 7 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13824/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0218(COD)
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)

**AGRI 532
AGRILEG 189
AGRIFIN 71
AGRISTR 69
AGRIORG 77
CODEC 1583
CADREFIN 363**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1 9634/18 + COR 1 + ADD 1 9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 - <i>Aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK - arkitettura ekoloġika komuni, ambizzjuża u flessibbli</i>

Bi tħejjija għall-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-18 ta' Novembru 2019, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar "aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK - arkitettura ekoloġika komuni, ambizzjuża u flessibbli", inkluż mistoqsijiet li għandhom jiggwidaw id-dibattitu ministerjali.

Id-delegazzjonijiet ser jintalbu, fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura tat-12 ta' Novembru 2019, biex japprovaw il-mistoqsijiet.

**DOKUMENT TA' DISKUSSIONI TAL-PRESIDENZA
DWAR ASPETTI AMBJENTALI U RELATATI MAL-KLIMA TAL-PAK –
ARKITETTURA EKOLOĠIKA KOMUNI, AMBIZZJUŻA U FLESSIBBLI**

Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-15 ta' Lulju 2019, il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ta' wara l-2020. Qabel il-laqgħa, il-Presidenza kienet ħejjiet dokument ta' diskussjoni (10622/19) u kienet talbet lill-Ministri jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-elementi l-aktar essenzjali fil-proposta tal-Kummissjoni u biex jirriflettu fuq titjib possibbli meħtieġ biex jinkiseb il-livell oġhla mixtieq ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika.

Ħafna delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom, għalkemm f'livell differenti, għal livell oġhla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK futura meta mqabbla ma' dik attwali. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll l-importanza li: i) ikun żgurat finanzjament adegwat biex jappoġġa kundizzjonijiet ambjentali aktar diffiċli, ii) jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-awtoritajiet, inkluż fil-kontrolli tal-kundizzjonalità, u iii) l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu l-ħtiġijiet lokali tagħhom fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti, u b'hekk tiġi żgurata aktar flessibbiltà kif ukoll dispożizzjonijiet aktar sempliċi u li jinftiehm aktar.

Ħafna Ministri semmew ukoll il-ħtieġa għal aktar ħidma teknika, u l-Kunsill ta struzzjonijiet lill-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) biex ikompli d-diskussjonijiet bil-ħsieb li jiġu żviluppati aktar il-proposti relatati ma' dan is-suġġett. Il-ħidma teknika komplet ukoll fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (WP HAQ) matul il-ħarifa.

1. Riżultati miksuba sa issa fit-titjib tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK

Il-kundizzjonalità (l-Artikoli 11-12 u l-Anness III tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi) tirrappreżenta linja bażi komuni tal-UE, mill-perspettiva ambjentali u dik relatata mal-klima, biex wieħed jirċievi l-appoġġ. Il-proposta tal-Kummissjoni tintegra ħafna mir-rekwiżiti eżistenti tal-ekoloġizzazzjoni u tal-kundizzjonalità fil-kundizzjonalità msaħħa l-għdida, li ser tkun il-linja bażi biex wieħed jirċievi l-pagamenti skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Il-kundizzjonalità msaħħa ser tiġi tradotta mill-Istati Membri fi standards nazzjonali b'kont meħud tal-ispeċifità u l-ħtiġijiet tagħhom. Il-ħidma mwettqa matul Presidenzi suċċessivi (l-Awstrija, ir-Rumanija, il-Finlandja) immirat li tiċċara r-rekwiżiti tal-kundizzjonalità u li tipprevedi l-flessibbiltà meħtieġa sabiex jittieħed kont tal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi lokali differenti madwar l-Ewropa.

Huwa importanti li l-kundizzjonalità bħala linja bażi tkun tkopri l-akbar ammont possibbli tal-art agrikola tal-UE. Madankollu, huwa importanti wkoll li jinstab bilanċ bejn il-piż amministrattiv assoċjat mal-kontrolli tal-kundizzjonalità u l-impatt ambjentali tal-**biedja fuq skala żgħira**.

Għalhekk, fir-rigward ta' rieżet żgħar, skema aktar sempliċi għall-kontrolli u ċerti eżenzjonijiet għal penali ta' kundizzjonalità jidhru li huma ġustifikati.

Fil-fehma tal-Presidenza, l-abbozz ta' test li qed jiġi diskuss għall-kundizzjonalità bl-elementi l-ġodda tiegħu ta' standards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba tal-art (KAAT) u r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMR) jilħaq livell ambjentali u klimatiku oġġla minn dak tal-linja bażi attwali. Fl-istess ħin, jiżgura kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jipprovdi lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex l-istandards u r-rekwiżiti jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali.

Għal fini ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa fl-implimentazzjoni tal-kontrolli u l-penali fuq il-kundizzjonalità (l-Artikoli 84-87 tar-Regolament Orizzontali).

F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, il-penali jkunu aktar proporzjonati fir-rigward tal-konsegwenzi għall-kisba tal-oġġettiv tal-istandard jew tar-rekwiżit ikkonċernat.

Il-Presidenza ħadmet ukoll fuq emendi u konsolidazzjoni ulterjuri tal-abbozzi ta' testi legali tal-PAK b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi li ġejjin, li huma importanti għall-ġestjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri u biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika:

- **L-eliġibbiltà tal-art (l-Artikolu 4(c) tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi):** il-Presidenza pproponiet emendi għar-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-art għal pagamenti diretti biex jiġi żgurat li dawn ir-regoli ma jfixklux l-ambizzjoni ambjentali tal-PAK futura. Dan l-approċċ jevita li l-bdiewa jitilfu l-appoġġ minħabba rekwiżiti ta' kundizzjonalità msaħħa u jagħtihom inċentivi biex jimpenjaw ruħhom għal skemi ekoloġiċi, u b'hekk iżidu l-kontribut tagħhom għall-kisba ta' finijiet ambjentali u klimatiċi;
- **Il-flessibbiltà finanzjarja (l-Artikoli 88 u 89 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi):** is-suġġerimenti ta' abbozzar proposti mill-Presidenza għandhom inaqqsu b'mod sinifikanti r-riskju ta' telf ta' fondi meta t-teħid f'ċerti interventi, b'mod partikolari l-ekoskemi, ikun aktar baxx milli mistenni. F'ċerti limiti ġġustifikati mill-Istati Membri fil-Pjan Strateġiku tagħhom, il-flessibbiltà tkun tippermetti wkoll li l-fondi jiġu ttrasferiti għal, pereżempju, skemi ekoloġiċi minn interventi ta' pagamenti diretti oħra, jekk it-teħid ta' skemi ekoloġiċi jkun ogħla milli mistenni. Dan jiżgura li l-ekoskemi jibqgħu attraenti u li l-proġetti ta' valur jirċievu finanzjament xieraq anki jekk it-teħid ikun differenti minn dak oriġinarjament ippjanat, li huwa ta' riskju, peress li l-ekoskemi huma strumenti ġodda mingħajr esperjenza preċedenti fl-ippjanar/l-eżekuzzjoni tagħhom.

Il-Presidenza ddiskutiet ukoll fid-dettall il-proposta leġislattiva fir-rigward ta' diversi **tipi ta' interventi li jikkontribwixxu għall-oġettivi ambjentali u klimatiċi**. L-abbozzar ta', b'mod partikolari, l-Artikolu 28 (ekoskemi), l-Artikolu 65 (impenji għall-ġestjoni), l-Artikolu 66 (żona b'restrizzjonijiet naturali), l-Artikolu 67 (ċerti rekwiżiti obbligatorji) u l-elementi mhux produttivi fl-Artikolu 68 (Investimenti) ġie rfinat u t-testi għandhom l-appoġġ ta' maġġoranza kbira tal-Istati Membri. Madankollu, fir-rigward tal-ekoskemi, tibqa' miftuħa l-kwistjoni tal-applikazzjoni volontarja jew obbligatorja tas-sistema fl-Istati Membri.

Taħt l-**interventi settorjali** ġie diskuss il-perċentwali tal-fondi operattivi tal-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandu jiġi dirett lejn għanijiet ambjentali u klimatiċi, iżda għad hemm differenzi fl-opinjoni tal-Istati Membri.

2. Riflessjonijiet għal ħidma ulterjuri

Minbarra l-elementi legali u r-rekwiżiti ppreżentati hawn fuq, għad fadal kwistjoni dwar il-kontribut finanzjarju meħtieġ tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għal skopijiet ambjentali u klimatiċi. Din il-kwistjoni ġiet diskussa b'rabta mar-riforma u xi Stati Membri, pereżempju, issuġġerew li jiġi ddedikat sehem speċifiku tal-pagamenti diretti għall-ekoskemi, iżda għad hemm differenzi kbar fl-opinjonijiet u l-preferenzi.

Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi fil-premessi tagħha objettiv ġenerali li tintlaħaq 40% tan-nefqa relatata mal-klima taħt il-PAK u tipprovdi fl-Artikolu 87 metodu biex tiġi ttraċċata n-nefqa relatata mal-klima. Hija tinkludi wkoll perċentwali aktar konkreta (30%) għall-baġit tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) li għandha tiġi allokata għall-objettivi ambjentali u relatati mal-klima. Għall-interventi tal-Pilastru I, ġie propost sehem tan-nefqa minimu (20%) għall-fondi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi għall-frott u l-ħaxix.

Billi l-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħteġ li jifforma unità koerenti sħiħa, li tkopri l-interventi taħt iż-żewġ Pilastru, il-Presidenza tixtieq tissuġġerixxi li jiġi introdott **perċentwali komuni wieħed** li jkopri l-Pjan Strateġiku kollu tal-PAK, applikabbli b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha, li għandu jkun iddedikat għal objettivi ambjentali u relatati mal-klima. Inkella, dan jista' jiġi espress ukoll bħala **ammont fiss** ta' finanzjament għal kull Stat Membru għal dawn l-għanijiet taħt il-Pjan Strateġiku kollu tal-PAK. F'termini oħra, ikun hemm perċentwali komuni jew ammont fiss ta' finanzjament wieħed li jkopri ż-żewġ pilastru u **l-Istat Membru inkwistjoni jista' jagħżel intervent wieħed jew aktar taħt il-Pilastru I jew il-Pilastru II jew it-tnejn li huma, li jikkontribwixxu biex jintlaħaq dan il-perċentwali jew l-ammont**. Dan ikun ifisser li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu dawk l-interventi li jkunu l-aħjar għalihom fid-dawl tal-kundizzjonijiet lokali tagħhom mingħajr ma jkunu kostretti li jiħduhom minn pilastru speċifiku, u b'hekk tiġi żgurata aktar flessibilità fl-abbozzar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Għalhekk, minflok l-allokazzjoni ta' 30% tal-Pilastru II għall-objettivi ambjentali u relatati mal-klima, il-Presidenza tissuġġerixxi li l-Istati Membri għandhom jallokaw ċertu sehem mill-pakkett *ġenerali* tagħhom tal-PAK (il-Pilastru I u l-Pilastru II) għal dawn l-objettivi.

Il-Presidenza tħoss li, flimkien mal-obbligu għal żieda fl-ambizzjoni fit-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-Artikolu 92, perċentwali komuni jew ammont fiss wieħed ikun mod tajjeb kif tingħata viżibilità lill-infiq ambjentali u klimatiku, jinkiseb livell oġhla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali u tiġi żgurata n-natura komuni tal-"arkitettura ekoloġika" tal-PAK. Fl-istess ħin, perċentwali komuni uniku jew ammont fiss jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jagħżlu jekk jużawx aktar interventi tal-Pilastru I jew tal-Pilastru II skont iċ-ċirkostanzi tagħhom, sakemm il-perċentwali jew l-ammont meħtieġ jintlaħaq xorta waħda.

Il-perċentwali komuni jkun jissostitwixxi l-mira proposta ta' 30% u jista' **jiġi stabbilit aktar tard, wara d-deċiżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali**, flivell li jikseb livell oġhla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika mill-PAK attwali. Tinżamm mira għal programmi operattivi għall-frott u l-ħaxix filwaqt li l-perċentwali tagħha xorta jkun jeħtieġ li jiġi diskuss.

Interventi li jikkontribwixxu għall-perċentwali komuni uniku jew ammont fiss

Il-Presidenza identifikat lista preliminari tat-tipi ta' interventi, li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-kisba tal-perċentwali komuni uniku jew ammont fiss (li għandu jiġi speċifikat fit-test legali):

- l-iskemi għall-klima u għall-ambjent (ekoskemi) (l-Artikolu 28 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi);
- impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-ambjent u l-klima fil-Pilastru II (l-Artikolu 65 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi);
- ċertu perċentwali ta' finanzjament li jikkumpensa għal restrizzjonijiet naturali jew oħrajn speċifiċi għaż-żona (l-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi);

- investimenti marbuta mal-għanijiet relatati mal-ambjent u l-klima (l-Artikolu 68 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi);
- ċerti interventi marbuta mal-għanijiet relatati mal-ambjent u l-klima taħt it-tipi ta' interventi f'ċerti setturi;
- servizzi ta' konsulenza marbuta mal-għanijiet relatati mal-ambjent u l-klima (l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi);
- it-trasferiment tal-ġarfien u l-kooperazzjoni marbuta mal-għanijiet relatati mal-ambjent u l-klima (l-Artikoli 71-72 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi).

Il-Presidenza tissuġġerixxi wkoll li fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jizdedu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-segwitu tal-perċentwali/l-ammont stabbilit. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom iqisu l-karattru pluriennali tal-impenji tal-Pilastru II. Għalhekk, jidher loġiku li tiġi ssorveljata l-kisba tal-mira fuq perijodu ta' diversi snin u li jiġi pprovdut mekkaniżmu li jiżgura li l-perċentwali/l-ammont meħtieġ jintlaħaq matul il-perjodu tal-ippjanar tal-PAK.

Fid-dawl tal-kuntest ta' hawn fuq, il-Ministri ser jiġu mistiedna jindirizzaw il-**mistoqsijiet** li ġejjin fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-18 ta' Novembru:

- L-Istati Membri jaqblu mal-proposta dwar sehem komuni ddedikat uniku ta' finanzjament għal skopijiet ambjentali u klimatiċi, li jkun ikopri ż-żewġ pilastri?
- Il-pakkett ta' miżuri deskritt hawn fuq jikkostitwixxi qafas robust biżżejjed iżda flessibbli biex tinkiseb żieda fl-ambizzjoni relatata mal-ambjent u l-klima tal-PAK futura?